# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 33

It-Tlieta, 15 ta' Gunju, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fit-3.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

Il-Kunsillieri Azzopardi informa li kien ser ikun xoghol filwaqt li l-Kunsillier Borg infurmat li kienet ser tkun qed tattendi konferenza.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 32 li saret nhar l-Erbgha, 12 ta' Mejju, 2010 kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

***Xoghol fi Triq ir-Repubblika***
Il-Kunsill qabel li x-xoghol pendenti li ghad fadal xi jsir fi Triq ir-Repubblika ghandu jitlesta sa nofs Lulju sabiex ikun lest sa qabel il-festa ta' San Duminku.

***Carmen***
Minhabba li kien difficli li jinstabu sponsors ghal din l-attivita` u minhabba li fl-istess perjodu ser ikun hemm il-loghob tal-football tat-Tazza tad-Dinja, il-Kunsill qabel li ma jaghmilx din l-attivta`.

***Attivita` mill-Ghaqda Familja Karmelitana***
Wara li l-Pulizija ma qablitx li tinghalaq Triq it-Teatru l-Antik sabiex issir ikla fl-okkazzjoni tal-Festa, il-Kunsill talab lill-organizzaturi sabiex jaghlqu t-triq permezz tal-gwardjani lokali u l-attivita` trid tintemm sal-11.00pm.

***Proposti lill-Gvern***
Il-Kunsillier Camenzuli staqsa x'kien ser ikun l-involviment tal-Kunsill fil-proposti ta' progetti li ser isiru lill-Gvern u li kienu ssemmew fis-seduta ta' qabel.  Staqsa wkoll jekk il-Kunsill kienx ser johrog flus ghal dawn.

Is-Sindku wiegeb li dawn il-proposti ma jaqghux direttament taht ir-responsabbilta` tal-Kunsill u ghalhekk il-Kunsill mhux ser johrog flus ghalihom.  Il-hsieb huwa li dawn il-proposti jitressqu ghand il-Gvern u jekk dawn ma jsirux, il-Kunsill jara l-possibilta` ta' fondi mill-Unjoni Ewropeja.

Il-Vici Sindku qal li mil-lat finanzjarju illum jistghu isiru Public Private Partnerships bhal ma qieghed isir fil-kaz tal-latrini pubblici.

## VALLETTA GRAND PRIX

Qabel bdiet is-Seduta, il-Kunsill kellu laqgha ma' l-organizzaturi tal-Grand Prix fejn gew diskussi d-diffikultajiet li kien hemm waqt l-attivita` ta' din is-sena u xi pjanijiet hemm sabiex dawn ma jigux ripetuti fil-Grand Prix tas-sena d-diehla.

Il-punti li gew identifikati bhala l-aktar li holqu problemi kienu it-traffic management mill-Floriana ghal Belt u c-cirkolazzjoni tat-traffiku fil-Belt, nuqqas ta' sinjali ta' direzzjoni, il-fatt li l-Bus Terminus tpogga fi Triq Sant' Anna, il-fatt li l-attivita` saret f'Jum l-Omm u kif xi stewards ma hallewx nies jaqsmu minn faccata ghal ohra anki meta ma kenux qeghdin isiru tlielaq.  Il-Kunsill ghamilha cara ma' l-organizatturi li ghandu jinstab mezz kif l-access fil-Belt ghandu jibqa' miftuh il-hin kollu waqt l-attivita`.

L-organizzatturi weghdu li ghas-sena d-diehla ser iwaqqfu communication centre sabiex il-kuntatt ikun aktar facli. Infurmaw ukoll lill-Kunsill li qed jaraw il-possibilta` li jarmaw bridge sabiex l-access fil-Belt ma jigix interrott.

Kien hemm qbil li jsiru diskussjonijiet ohra 'il quddiem dwar l-attivita`.

**KORRISPONDENZA**

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill qabel li jsiru xi tappieri ghall-arbli tal-festa tal-Karmnu u tal-festa ta' San Duminku. L-organizzaturi tal-festa ghandhom jipprezentaw site-plan ta' fejn ser isiru dawn it-tappieri;

- Il-Kunsill ma laqax it-talba ta' Attard & Attard advocates f'isem Golub Ent. Ltd, biex jidhol quddiem il-Qorti b'vettura li minnha jkun jista' jbiegh prodotti li jkunu engraved bil-laser.

- Il-Kunsill ircieva ittra ta' ringrazzjament mill-Valletta Community Network ghall-ghajnuna li ta l-Kunsill sabiex saret attivita` f'Ghawdex;

- Il-Kunsill ma laqax talba ta' Goran Carevic biex jahdem bhala busker fi Triq Merkanti k/m Triq Santa Lucija;

- Il-Kunsill qabel li ssir sleeping policeman fi Triq San Pawl quddiem bieb nru. 44;

- Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jsir rapport lill-MEPA dwar l-ACs li twahhlu fuq il-Bejt tas-Savoy.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Permess tal-MEPA ghall-installazzjoni ta' arblu fuq St. James Bastion***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-permess biex jitwahhal arblu fuq St. James Bastion kien gie approvat mill-MEPA.

***Malta Week***
Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm il-possibilta` li l-Kunsill jippartecipa fil-Malta Week. Ghal din l-attivita` ghandu jkun hemm budget ta' madwar €5,000.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

**AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI**

Il-Kunsill qabel li jitwahhlu zewg bollards fil-parkegg quddiem Dar l-Ewropa fi Triq San Pawl biex jinqatghu l-abbuzi fil-parkegg li qieghed ikun hemm.

**AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET**

Il-Kunsill awtorizza l-iffirmar ta' l-ordnijiet ghal hlasijiet kif imnizzla fil-lista annessa.

**TMIEM**

Fil-5.00pm intemmet is-Seduta

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku